MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 141/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Paul Mizzi**

Illum, 23 ta’ April 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi **Paul Mizzi**, ta’ tlieta u erbghin (43) sena, iben Francis u Josephine neé Apap, imwieled Rabat, Ghawdex, fil-10 ta’ Marzu 1970, u residenti fil-fond ‘April Blossom’, Triq it-Tnax ta’ Dicembru 1957, Munxar, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 8870(G)

**akkuzat talli fis-6 ta’ April 2011 ghall-habta ta’ 12:15 u fil-granet ta’ qabel, fil-fond “April Blossom", Triq it-Tnax ta’ Dicembru 1957, Munxar:**

1. zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht Regolament 7(1) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé xbieki, inkluzi dawk maghrufa bhala ranja, xbieki tal-arja, u kull tip ta’ xibka wieqfa, u dan bi ksur ta’ Regolament 7 (2) ta’ l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

**u aktar talli fil-11 ta' April, 2011 ghall-habta tal-10 ta’ filghodu, fil-fond "April Blossom", Triq it-Tnax ta’ Dicembru 1957, Munxar**:

2. zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huma projbiti taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, kontra id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita’ Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita’ Kompetenti sabiex izzomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta’

Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawn l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

4. kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III meta ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Regolament 21(5) tal- Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

**u aktar talli fl-istess data, lok u hin u fis-snin ta' qabel:**

5. ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasafar imsemmijin fir-Regolament 4(1)(e) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Ambjent fi hdan l-Awtorità ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar u minghajr ma kellu awtorizzazjoni bil-miktub ghal dak it-trasferiment jew id-disponiment minghad l-istess Direttur u dan bi ksur ta' Regolament 4(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

**u aktar talli fis-snin ta' qabel f'diversi postijiet f' Malta:**

6. ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II u dan bi ksur ta' Regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 18 (1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. waqt l-istagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fl-Iskeda II u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(b) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

9. ibbalzma jew immonta jew ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil haddiehor biex jimmonta jew jibbalzma lil xi ghasfur li mhux inkluz fl-Iskeda III tal- Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat u dan bi ksur ta' Regolament 21(2) u 27(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' Regolament 14 ta' l-Avviz Legali 39 ta' 2007, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-licenza jew tal-permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali.

Semghet lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet mmarkati minn numru tnejn (2) san-numru disgha (9) migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u kif ukoll ir-riferta li giet ezebita fis-seduta tallum u mmarkata bhala Dok. « X ». Ladarba dawn jittiehdu in konsiderazzjoni, jirrizulta li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza ghandha tigi milqugha.

Illi in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet markati minn numru tnejn (2) san-numru disgha (9) jirrizulta li dawn l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru (1) tiddikjara din l-imputazzjoni bhala wahda preskritta u konsegwentement estinta, fuq ammissjoni, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 21(5), 4(2), 5(1), 18(1)(a), 18(1)(b), 21(2) u 27(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, issib lill-imputat Paul Mizzi hati tal-imputazzjonijiet markati minn numru tnejn (2) san-numru disgha (9) u tikkundannah multa kumplessiva ta' disa' mitt Euro (€

900.00) li ghandha tithallas f'rati mensili ta' mitt Euro (€ 100) bl-ewwel pagament dovut fit-30 ta' April 2013

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

*Inoltre,* il-Qorti tordna l-konfiska tad-Dokumenti "JG 1" u "SG 2" ezebiti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------